V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

Sejħa għal espressjonijiet ta' interess minn esperti esterni biex jinħatru bħala membri tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (Frankfurt am Main, il-Ġermanja)

(2022/C 219 A/01)

Introduzzjoni

Skont l-Artikolu 4(1) u (5) u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) għandu jkollu Kumitat Xjentifiku Konsultattiv (KXK), li għandu jipprovdi pariri u assistenza dwar kwistjonijiet rilevanti għall-ħidma tal-BERS. F'dan ir-rigward, u wara l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]), il-BERS qiegħed b'dan iniedi proċess għall-għażla tal-membri tal-KXK.

Il-BERS għalhekk qiegħed isejjaħ għal espressjonijiet ta' interess minn esperti esterni bil-ħsieb li jinħatru bħala membri tal-KXK għal mandat ta' erba' snin li jiġġedded. Impjegati ta' istituzzjonijiet li minnhom il-Bord Ġenerali tal-BERS jieħu l-membri tiegħu ([3]) mhumiex, madankollu, eliġibbli biex japplikaw ([4]). L-esperti għandhom jintgħażlu abbażi tal-kompetenza ġenerali tagħhom kif ukoll l-esperjenza varjata tagħhom f'oqsma akkademiċi jew setturi oħra, partikolarment fl-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju jew trejdunions, jew bħala fornituri jew konsumaturi ta' servizzi finanzjarji ([5]).

Biex tissaħħaħ aktar id-diversità tal-membri tal-KXK, l-applikazzjonijiet minn kandidati nisa huma partikolarment imħeġġa.

1. Il-BERS u l-KXK

Il-BERS huwa korp fil-livell tal-Unjoni responsabbli għas-sorveljanza makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-missjoni tiegħu hija li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni ta' riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja. Skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, wara proposta magħmula mill-Kumitat ta' Tmexxija tal-BERS, il-Bord Ġenerali tal-BERS għandu japprova esperti esterni bħala membri tal-KXK u jistabbilixxi lista ta' riżerva.

2. Ir-rwol tal-KXK

2.1. L-KXK huwa parti integrali tal-BERS u jipprovdilu pariri u assistenza fuq talba tal-President tal-BERS jew tal-Bord Ġenerali ([6]). Il-membri tal-KXK huma mistennija jagħtu kontribut sostanzjali għat-twettiq tal-mandat tal-KXK. Fost ħidmiet oħra, il-kontribuzzjonijiet li l-membri tal-KXK huma meħtieġa jipprovdu jinkludu:

(i) kontribuzzjonijiet dwar kif itejbu l-metodoloġiji analitiċi biex jidentifikaw ir-riskji u jevalwaw l-impatti potenzjali tal-materjalizzazzjoni tagħhom;

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 dwar proċeduri u rekwiżiti għall-għażla, il-ħatra u s-sostituzzjoni tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS/2011/2) (ĠU C 39, 8.2.2011, p. 10).

([3]) Il-Bank Ċentrali Ewropew, il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, l-Awtoritajiet Ewropej ta' Sorveljanza (l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, l-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq), l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

([4]) Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.

([5]) Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.

([6]) Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.

(ii) kontribuzzjonijiet dwar kif għandhom jitfasslu u jiġu kkalibrati għodod ta' politika makroprudenzjali effettivi, inkluż it-titjib ta' għodod u mudelli eżistenti kif ukoll il-proposta ta' għodod u mudelli ġodda u/jew komplementari;

(iii) kompiti konsultattivi jinkludu reviżjoni miftuħa, indipendenti u analitika ta' strateġiji makroprudenzjali u oqfsa operattivi, sabiex jingħata kontribut għall-qafas tal-politika tal-BERS li huwa tal-aktar livell teknoloġiku avvanzat.

2.2. Id-dokumenti u r-rapporti kollha tal-KXK huma abbozzati bl-Ingliż, li hija l-lingwa tax-xogħol tal-BERS. Ir-rapporti tal-KXK jistgħu, fejn awtorizzati mill-Bord Ġenerali, jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-BERS ([7]).

2.3. Barra minn hekk, il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandu jorganizza konsultazzjonijiet fi stadju bikri flimkien mal-partijiet interessati bħall-parteċipanti mis-swieq, korpi tal-konsumaturi u esperti akkademiċi, b'mod miftuħ u trasparenti, filwaqt li titqies il-ħtieġa tal-kunfidenzjalità ([8]).

2.4. Il-laqgħat tal-KXK ġeneralment isiru kull tliet xhur.

3. **Kompożizzjoni tal-KXK**

Il-KXK huwa magħmul minn 15-il espert li jirrappreżentaw firxa wiesgħa ta' ħiliet, esperjenzi u għarfien fir-rigward tas-setturi kollha rilevanti tas-swieq finanzjarji. Barra minn hekk, il-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv (ATC) joqgħod ukoll fuq l-KXK ([9]). Bl-eċċezzjoni tal-President tal-ATC, il-membri tal-KXK ma għandhomx ikunu impjegati tal-istituzzjonijiet li minnhom il-Bord Ġenerali jieħu l-membri tiegħu ([10]).

4. **Il-President u l-Viċi Presidenti**

Il-President u ż-żewġ Viċi-Presidenti tal-KXK għandhom jinħatru mill-Bord Ġenerali wara proposta mingħand il-President tal-BERS ([11]). Il-presidenza tal-KXK għandha tkun f'rotazzjoni ta' kull 16-il xahar bejn il-President u l-Viċi-Presidenti ([12]). Il-President u ż-żewġ Viċi Presidenti huma membri tal-Bord Ġenerali bi drittijiet tal-vot ([13]). Il-President tal-KXK huwa wkoll membru tal-Kumitat tat-Tmexxija ([14]). Il-Bord Ġenerali jiltaqa' mill-inqas erba' darbiet fis-sena ([15]) u l-Kumitat ta' Tmexxija jiltaqa' mill-inqas kull tliet xhur qabel kull laqgħa tal-Bord Ġenerali ([16]).

5. **Kriterji ta' għażla**

5.1. Skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, membri tal-KXK għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tal-kompetenza ġenerali u l-esperjenza differenti tagħhom f'oqsma akkademiċi jew setturi oħra, b'mod partikolari f'impriżi żgħar u ta' daqs medju jew trade unions, jew bħala fornituri jew konsumaturi ta' servizzi finanzjarji ([17]).

5.2. L-applikazzjonijiet jiġu sottomessi għal evalwazzjoni komparattiva mwettqa mill-BERS b'mod partikolari fuq il-bażi tal-kriterji ta' għażla li ġejjin ([18]):

(i) esperjenza fil-fond fis-settur finanzjarju u r-relazzjoni tiegħu mal-ekonomija usa" u kompetenza ġenerali ppruvata fi kwistjonijiet ta' riskju sistemiku, b'mod partikolari f'livell tal-Unjoni;

(ii) kontribut xjentifiku biex tinftiehem l-interazzjoni bejn is-setturi tal-qasam bankarju, is-swieq tat-titoli, jew l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet tax-xogħol ([19]);

([7]) Artikolu 12(5) tad-Deċiżjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal- Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew (BERS/2011/1) (ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4).
([8]) Artikolu 12(5) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
([9]) Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
([10]) Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([11]) Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
([12]) Artikolu 5(5) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([13]) Artikolu 6(1)(g) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
([14]) Artikolu 11(1)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
([15]) Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
([16]) Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
([17]) Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
([18]) Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([19]) Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.

(iii) Ph.D fil-finanzi, l-ekonomija jew qasam rilevanti ieħor, jew kwalifiki ekwivalenti, esperjenza akkademika soda f'università, (eż. bħal professorat) f'qasam wieħed jew aktar ta' rilevanza għall-BERS u/jew b'rekord ta' pubblikazzjonijiet b'saħħtu;

(iv) l-abbiltà li wieħed jirrevedi b'mod espert xogħol xjentifiku u pubblikazzjonijiet u li janalizza informazzjoni u inkartamenti komplessi;

(v) esperjenza professjonali f'ambjent multidixxiplinari, preferibbilment f'kuntest internazzjonali;

(vi) ħiliet ta' komunikazzjoni bl-Ingliż bil-miktub u orali li huma pprovati, abbażi ta' esperjenza fit-tagħlim, preżentazzjonijiet pubbliċi, parteċipazzjoni attiva f'laqgħat ta' esperti u pubblikazzjonijiet.

6. **Kriterji tal-għażla addizzjonali għall-President u l-Viċi Presidenti tal-KXK**

Il-President u l-Viċi-Presidenti tal-KXK għandu jkollhom kull wieħed livell għoli ta' esperjenza u għarfien rilevanti, pereżempju bis-saħħa tal-preparazzjoni akkademika u professjonali tagħhom fis-setturi tal-attività bankarja, is-swieq tat-titoli, jew l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet tax-xogħol. Il-President u l-Viċi Presidenti, bħala membri tal-Bord Ġenerali, ma għandomx iwettqu ebda funzjoni fl-industrija finanzjarja ([20]). Il-President u l-Viċi Presidenti għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni ([21]).

7. **Proċedura għall-għażla u l-ħatra tal-membri tal-KXK**

7.1. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jevalwa l-applikazzjonijiet riċevuti skont il-kriterji tal-għażla fil-paragrafu 5.2 hawn fuq, u jagħżel il-kandidati li għandhom jiġu proposti lill-Bord Ġenerali bħala membri tal-KXK kif ukoll kandidati adattati għal inklużjoni f'lista ta' riżerva ([22]). Fil-valutazzjonijiet tal-applikazzjonijiet u l-għażla tal-kandidati, il-Kumitat għat-Tmexxija għandu jimla formola ta' valutazzjoni individwali għal kull kandidat, li tinkludi sommarju li jenfasizza l-merti u n-nuqqasijiet speċifiċi tagħhom u konklużjoni li tirrigwarda kemm huma adattati sabiex jinħatru bħala membru tal-KXK jew biex jiġu inklużi fil-lista ta' riżerva ([23]). Il-Kumitat għat-Tmexxija għandu mbagħad jippreżenta r-riżultati tal-proċess ta' għażla lill-Bord Ġenerali għall-approvazzjoni ([24]).

7.2. Il-Bord Ġenerali jista' japprova l-proposti tal-Kumitat għat-Tmexxija jew jitlob lill-Kumitat għat-Tmexxija biex jipproponi kandidati oħrajn bħala membri tal-KXK minn fost dawk li ma jkunux skartati minnu ([25]).

7.3. Il-President u l-Viċi-Presidenti tal-KXK għandhom jinħatru mill-Bord Ġenerali wara proposta mingħand il-President tal-BERS ([26]).

8. **Ħatra, terminu u lista ta' riżerva**

8.1. Il-ħatra tal-membri tal-KXK għandha tkun għal mandat ta' erba' snin li jiġġedded ([27]). Barra minn dan, fuq proposta tal-Kumitat għat-Tmexxija, il-Bord Ġenerali jista' jiddeċiedi illi jġedded il-mandat ta' membru tal-KXK għal erba' snin oħra mal-iskadenza tiegħu ([28]). Barra minn hekk, il-Bord Ġenerali jista' wkoll itemm il-mandat ta' membru tal-KXK skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.

8.2. Il-membri tal-KXK għandhom jinħatru f'kapaċità personali, u għalhekk m'għandhomx, ħlief għall-President u l-Viċi Presidenti fil-każijiet u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni BERS/2011/1, jiddelegaw ir-responsabbiltajiet tagħhom lil membru ieħor jew parti terza ([29]). Kull wieħed mill-membri tal-KXK għandu jkun meħtieġ ukoll li jikkonferma l-ittra tal-ħatra mill-President tal-BERS, jiffirma kuntratt mal-BĊE u jipprovdi d-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni BERS/2011/2 ([30]).

([20]) Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
([21]) Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([22]) Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([23]) Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([24]) Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([25]) Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([26]) Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([27]) Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
([28]) Artikolu 8(4) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([29]) Artikolu 6(3) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([30]) Artikolu 6(4) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.

8.3. Il-kandidati li ma jinħatrux bħala membri tal-KXK jew ma jiġux skartati fl-għażla għandhom jinżammu fuq lista ta' riżerva ([31]). Fil-każ ta' post vakanti, il-kandidati fuq din il-lista ta' riżerva jistgħu jiġu mstiedna jimlewh ([32]). Madankollu, l-inklużjoni fil-lista ta' riżerva ma tiggarantixxix il-ħatra. Il-lista ta' riżerva għandha tkun valida għal perjodu ta' sentejn minn meta tiġi approvata u l-validità tagħha tista' tiġi estiża sakemm tiġi ppubblikata sejħa ġdida għal espressjonijiet ta' interess ([33]).

9. **Indennizzi u rimborż tal-ispejjeż**

9.1. Il-membri tal-KXK għandhom ikunu intitolati għal indennizzi u għar-rimbors ta' spejjeż relatati mal-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tal-KXK. Dawn l-indennizzi u r-rimborż għandhom jitħallsu mill-BĊE skont il-paragrafi 9.2 sa 9.5 ta' din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess u mat-termini ta' referenza għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn esperti maħtura bħala membri tal-KXK (mehmuża bħala Anness ma' din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess). Barra minn hekk, skont l-Artikolu 11(4) tad-Deċiżjoni BERS/2011/1 il-Bord Ġenerali tal-BERS għandu jkun ikkonsultat dwar it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-BĊE għar-remunerazzjoni u r-rimborż tal-ispejjeż fi ħdan il-baġit allokat mill-BĊE għal dak il-għan.

9.2. L-indennizzi għal membru tal-KXK li ma jservix bħala President jew Viċi President tal-KXK għandhom ikunu:

(i) EUR 500 għall-parteċipazzjoni tal-espert fi: (1) laqgħa fiżika ta' ġurnata sħiħa tal-KXK; (2) laqgħa fiżika ta' ġurnata sħiħa tal-KTK; (3) kwalunkwe laqgħa oħra fiżika tal-BERS ta' ġurnata sħiħa; (4) jew kwalunkwe avveniment ieħor tal-BERS tal-ġurnata sħiħa li jkun attenda personalment, bi ftehim mal-Kap tas-Segretarjat tal-BERS;

(ii) EUR 250 għall-parteċipazzjoni tal-espert fi: (1) laqgħa fiżika ta' nofs ta' nhar tal-KXK; (2) laqgħa fiżika ta' nofs ta' nhar tal-KTK; (3) kwalunkwe laqgħa oħra fiżika tal-BERS ta' nofs ta' nhar; (4) jew kwalunkwe avveniment ieħor tal-BERS ta' nofs ta' nhar li jkun attenda personalment, bi ftehim mal-Kap tas-Segretarjat tal-BERS;

(iii) EUR 62,50 fis-siegħa għall-parteċipazzjoni tal-espert permezz ta' telekonferenza jew konferenza bil-vidjo f'xi waħda mill-laqgħat jew avvenimenti tal-BERS imsemmija hawn fuq;

(iv) somma f'daqqa ta' EUR 500 imħallsa għal kull waħda mil-laqgħat imsemmija taħt (i) sa (iii) hawn fuq, għal attivitajiet imwettqa mill-espert bi tħejjija għal u segwitu għal-laqgħa, sakemm l-espert attwalment jipparteċipa fil-laqgħa rilevanti.

9.3. L-indennizzi għal membru tal-KXK li jservi bħala President jew Viċi President tal-KXK għandhom ikunu:

(i) EUR 1 000 għall-parteċipazzjoni tal-espert fi: (1) laqgħa fiżika ta' ġurnata sħiħa tal-KXK; (2) laqgħa fiżika ta' ġurnata sħiħa tal-Kumitat tat-Tmexxija; (3) laqgħa fiżika ta' ġurnata sħiħa tal-KTK (4) kwalunkwe laqgħa oħra fiżika tal-BERS ta' ġurnata sħiħa; (5) jew kwalunkwe avveniment ieħor tal-BERS tal-ġurnata sħiħa li jkun attenda personalment, bi ftehim mal-Kap tas-Segretarjat tal-BERS;

(ii) EUR 1 000 għall-parteċipazzjoni fiżika tal-espert fil-laqgħa tal-Bord Ġenerali tal-BERS;

(iii) EUR 500 għall-parteċipazzjoni tal-espert fi: (1) laqgħa fiżika ta' ġurnata sħiħa tal-KXK; (2) laqgħa fiżika ta' nofs ta' nhar tal-Kumitat tat-Tmexxija; (3) laqgħa fiżika ta' nofs ta' nhar tal-KTK; (4) kwalunkwe laqgħa oħra fiżika tal-BERS ta' nofs ta' nhar; (5) jew kwalunkwe avveniment ieħor tal-BERS ta' nofs ta' nhar sħiħa li jkun attenda personalment, bi ftehim mal-Kap tas-Segretarjat tal-BERS;

(iv) EUR 125 fis-siegħa għall-parteċipazzjoni tal-espert permezz ta' telekonferenza jew konferenza bil-vidjo f'xi waħda mill-laqgħat jew avvenimenti tal-BERS imsemmija hawn fuq;

(v) somma f'daqqa ta' EUR 1 000 imħallsa għal kull waħda mil-laqgħat imsemmija taħt (i) jew (iii) hawn fuq, għal attivitajiet imwettqa mill-espert bi tħejjija għal u s-segwitu għal-laqgħa, sakemm l-espert attwalment jipparteċipa fil-laqgħa rilevanti.

([31]) Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([32]) Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([33]) Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.

9.4. L-ammont massimu ta' indennizzi għal kull sena kalendarja għal xogħol preparatorju u attendenza f'laqgħat (eskluż l-ivvjaġġar, spejjeż ta' akkomodazzjoni f'lukandi u spejjeż ta' sussistenza) għandu jkun limitat għal EUR 15 000 għal kull membru tal-KXK li ma jservix bħala President jew Viċi President tal-KXK, jew EUR 35 000 għal membri tal-KXK li jservu bħala President jew Viċi President tal-KXK.

9.5. Barra minn hekk, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni f'lukandi, u, fejn xieraq, spejjeż ta' sussistenza li jintefqu mill-membri tal-KXK b'konnessjoni ma' laqgħat relatati mal-mandat tagħhom għandhom jiġu rrimborżati skont it-termini ta' referenza għar-rimborż tal-ispejjeż li jsiru mill-kelliema maħtura bħala membri tal- KXK.

10. **Indipendenza u dikjarazzjonijiet ta' impenn u interess, u segretezza professjonali**

10.1. Il-ħatra ta' membri tal-KXK għandha tkun soġġetta għall-għoti ta' dikjarazzjonijiet fejn membri jagħtu impenn li jaġixxu indipendentement minn kwalunwe influwenza esterna u li jkunu ggwidati mill-interess pubbliku tal-Unjoni Ewropea. Għal dak l-iskop, il-kandidati magħżula għandhom jagħmlu dikjarazzjoni pubblika tal-impenji u dikjarazzjoni tal-interessi fejn jindikaw kull interess dirett jew indirett li jista' jitqies bħala ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom, jew in-nuqqas ta' kwalunkwe interess ta' dan it-tip ([34]).

10.2. Il-kandidati magħżula bħala membri tal-KXK għandhom ukoll jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li huma jikkonformaw mar-regoli ta' kunfidenzjalità ([35]).

10.3. Il-membri tal-KXK għandhom jimpenjaw ruħhom ukoll li jirrispettaw il-Kodiċi ta' Kondotta tal-BERS ([36]), stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni BERS/2011/3 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([37]).

10.4. Barra minn dan, il-membri tal-KXK maħtura bħala President jew Viċi-President għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tikkonferma illi huma ma għandhom l-ebda funzjoni fl-industrija finanzjarja ([38]).

10.5. Il-membri tal-KXK għandhom ikunu suġġetti għall-obbligi ta' segretezza professjonali stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.

11. **Proċessar ta' *data* personali fil-kuntest ta' din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess**

11.1. Id-*data* personali kollha riċevuta fil-kuntest ta' din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess għandha tiġi pproċessata mill-BERS skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([39]) u atti legali li jemendaw jew jissostitwixxu dawn id-dispożizzjonijiet.

11.2. Il-Kumitat tat-Tmexxija u l-Bord Ġenerali jirċievu d-*data* personali tal-applikanti.

11.3. Il-BERS huwa l-kontrollur ta' din l-operazzjoni tal-ipproċessar tad-*data* u l-Kap tas-Segretarjat tal-BERS huwa inkarigat mill-unità fdata bl-ipproċessar ta' dik id-*data* personali. Għal mistoqsijiet kollha dwar *data* personali, is-suġġetti tad-*data* jistgħu jindirizzaw lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-BĊE f'dpo@ecb.europa.eu.

11.4. L-iskop tal-ipproċessar tad-*data* huwa li tiġi organizzata selezzjoni tal-membri tal-KXK u li tiġi stabbilita lista ta' riżerva. Id-*data* personali kollha tkun ipproċessata esklussivament għal dan l-iskop.

11.5. Bl-għoti tad-*data* personali mitluba, l-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom għall-ġbir u l-ipproċessar mill-BERS. L-applikanti jistgħu jirtiraw il-kunsens tagħhom fi kwalunkwe ħin billi jikkuntattjaw info@esrb.europa.eu u b'kopja lil ascapplications@esrb.europa.eu. Kull ipproċessar tal-informazzjoni personali ta' applikant jieqaf malli l-kunsens jiġi rtirat, madankollu kwalunkwe pproċessar li sar qabel ma' ġie rtirat il-kunsens jibqa' legali. L-irtirar tal-kunsens iwassal għall-irtirar ta' applikant mis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess.

11.6. Is-suġġetti tad-*data* għandhom id-dritt li jkollhom aċċess għad-*data* personali tagħhom u li jitolbu r-rettifika ta' kwalunkwe *data* personali li mhix eżatta jew mhix kompluta. Madankollu, skont il-prinċipji ta' aċċess ugwali, kompetizzjoni ġusta, trasparenza u nondiskriminazzjoni, u biex jiġi żgurat li l-proċedura tal-għażla tkun trasparenti u ġusta għall-kandidati kollha, *data* li turi konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà u għażla ma tistax tiġi aġġornata jew ikkoreġuta wara d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess.

([34]) Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([35]) Artikolu 7(2) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([36]) Artikolu 7(4) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([37]) Id-Deċiżjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-25 ta' Marzu 2011, li tadotta l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS/2011/3) (ĠU C 140, 11.5.2011, p. 18).
([38]) Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni BERS/2011/2.
([39]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

11.7. L-applikanti għandhom id-dritt li jkollhom aċċess għal informazzjoni relatata mal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom matul il-proċedura. Sabiex tiġi mħarsa l-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet u t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat tat-Tmexxija u l-Bord Ġenerali u sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tal-kandidati l-oħrajn, l-aċċess tal-applikanti għandu jkun ristrett għas-sottomissjonijiet tagħhom stess u għall-partijiet tal-evalwazzjoni li jkunu relatati magħhom.

11.8. Id-*data* personali kollha tal-applikanti għandha tinżamm mis-Segretarjat tal-BERS għall-perijodi ta' żmien hawn taħt:

(i) id-*data* relatata mal-membri tal-KXK maħtura għandha tinżamm mis-Segretarjat tal-BERS għal perijodu ta' ħames snin wara l-iskadenza tal-mandati tal-membri;

(ii) wara l-iskadenza tal-validità tal-lista ta' riżerva, id-*data* relatata mal-kandidati elenkati hemmhekk għandha tinżamm għal perjodu ta' sentejn;

(iii) id-*data* relatata mal-applikanti li ma kellhomx suċċess għandha tinżamm għal perjodu ta' sentejn wara li tkun tlestiet il-proċedura tal-għażla;

(iv) Fil-każ ta' tilwima legali, il-perijodi ta' żamma msemmija hawn fuq jiġu estiżi għal sentejn wara li jitlestew il-proċeduri relevanti kollha.

11.9. Is-suġġetti tad-*data* huma intitolati li jirrikorru f'kull ħin għand il-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-*Data*.

11.10. L-ismijiet tal-membri tal-KXK u l-affiljazzjonijiet tagħhom, flimkien mad-dikjarazzjonijiet imsemmija fit-taqsima 10, għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-BERS ([40]).

12. **Proċedura tal-applikazzjoni**

12.1. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi biss bl-Ingliż billi timtela l-formola ta' applikazzjoni disponibbli fuq is-sit web tal-BERS (www.esrb.europa.eu) u billi jiġi sottomess curriculum vitae fil-forma Europass (disponibbli fi: https://europass.cedefop.europa.eu/).

12.2. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ssottomessi sa mhux iktar tard mill-23:59 CET tal-24 ta' Ġunju 2022.

12.3. L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu bl-email lill-indirizz: ascapplications@esrb.europa.eu.

12.4. L-applikazzjonijiet jiġu eskluży fil-każijiet li ġejjin:

(i) jekk jintbagħtu wara l-iskadenza jew permezz ta' mezzi oħra (eż. permezz tal-faks); jew

(ii) jekk huma sostanzjalment mhux ċari jew mhux kompluti; jew

(iii) jekk ma jiġux ippreżentati bl-Ingliż.

12.5. L-applikanti għandhom jinfurmaw lis-Segretarjat tal-BERS bil-miktub dwar kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni jew l-indirizz tagħhom mingħajr dewmien.

12.6. Kull applikazzjoni tiġi eżaminata fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti hawn fuq. L-applikanti kollha għandhom ikunu infurmati dwar ir-riżultat tal-proċess ta' għażla u ħatra.

13. **Ġurisdizzjoni**

F'każijiet ta' litigazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni.

([40]) Artikolu 11(5) tad-Deċiżjoni BERS/2011/1.

ANNESS

Termini ta' referenza għar-rimborż ta' spejjeż magħmula minn esperti maħtura bħala membri tal-KXK

1. **Regola ġenerali**

Il-BĊE jirrimborża l-ispejjeż elenkati hawn taħt relatati mal-laqgħat tal-KXK sakemm dawn ma jkunux koperti minn parti terza. Jekk l-espert huwa intitolat għal rimborż minn parti terza ta' spejjeż li kieku jkunu koperti mill-BĊE b'konnessjoni mal-parteċipazzjoni tal-espert fil-laqgħa tal-KXK (eż., ir-rimborż ta' titjira bir-ritorn minn avveniment ieħor li jkun fl-istess ħin ta' titjira li tkun ġejja għal-laqgħa tal-KXK), l-espert għandu jinnotifika lill-BĊE b'dan u l-BĊE għandu jieħu deċiżjoni dwar jekk ikoprix dawn l-ispejjeż.

2. **Spejjeż tal-ivvjaġġar**

2.1. *Ġenerali*

Il-BĊE jirrimborża l-ivjaġġar bir-ritorn bejn il-post tar-residenza tal-espert u l-post tal-laqgħa skont ir-regoli li ġejjin. Fil-każijiet fejn ir-rimborż huwa mitlub għall-ivjaġġar bejn post differenti mill-post tar-residenza tal-espert u l-post tal-laqgħa, l-espert għandu jinnotifika bil-quddiem lill-BĊE sabiex jiġi stabbilit l-ambitu possibbli tar-rimborż mill-BĊE.

2.2. *Ivvjaġġar bil-ferrovija*

Il-BĊE jirrimborża l-ivvjaġġar ferrovjarju tal-ewwel klassi, inkluż, fejn meħtieġ, kwalunkwe ħlas addizzjonali għall-użu ta' ferroviji speċjali (ICE, IC, EC, eċċ.) abbażi tal-iktar rotta konvenjenti u mgħaġġla iżda għandhom jiġu ssottomessi l-biljetti tal-ferrovija attwali L-espert għandu jagħmel ħiltu biex jieħu vantaġġ minn nolijiet ta' prenotazzjoni bikrija.

2.3. *Ivvjaġġar bl-ajru*

L-ivvjaġġar bl-ajru fil-prinċipju huwa rimborżat biss fuq il-bażi tar-rotta l-iktar konvenjenti u l-iktar mgħaġġla u jekk il-vjaġġ alternattiv disponibbli bil-ferrovija jaqbeż erba' sigħat kuljum. Il-BĊE jirrimborża l-biljetti bir-ritorn għal titjira diretta, iżda għandhom jiġu ssottomessi l-karti tal-imbark attwali (li jistgħu jkunu kopji stampati ta' karti ta' imbark ibbażati fuq biljetti elettroniċi). Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor f'każ speċifiku, il-biljetti tal-klassi ekonomika jiġu rrimborżati għal titjiriet fl-UE u biljetti tal-klassi business jew ta' ekonomija jiġu rimborżati għal titjiriet fuq rotot oħra. L-espert għandu jagħmel ħiltu biex jieħu vantaġġ minn nolijiet ta' prenotazzjoni bikrija.

2.4. *Ivvjaġġar bil-karozza*

Jekk l-espert jivvjaġġa b'karozza privata, il-BĊE għandu jirrimborża l-ekwivalenti ta' biljett ferrovjarju tal-ewwel klassi bir-ritorn bejn l-istazzjon tal-ferrovija l-eqreb għall-post ta' residenza tal-espert u l-post tal-laqgħa. Dan il-ħlas għandu jkopri l-ispejjeż kollha relatati mal-użu tal-karozza. L-espert għandu jehmeż prova tal-prezz tal-biljett tal-ferrovija mat-talba. Il-BĊE mhu responsabbli għal ebda ħsara, korriment jew telf li jirriżulta mill-vjaġġ. Barra minn hekk, il-BĊE jiċħad ir-responsabbiltà għal kwalunkwe spejjeż li jirriżultaw minn reati allegati jew attwali mwettqa bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti tat-traffiku tat-triq. Il-BĊE ma jirrimborżax l-ispejjeż tal-kiri tal-karozzi.

2.5. *Taxis u trasport pubbliku*

Il-BĊE jħallas lura n-nolijiet għall-ivvjaġġar permezz ta' taxi jew fuq trasport pubbliku lejn/mill-istazzjon tal-ajruport/ferrovija u bejn il-lukanda/post ta' residenza u l-post tal-laqgħa, iżda għandhom jiġu sottomessi kontijiet tat-taxi jew il-biljetti tat-trasport pubbliku. L-espert għandu jagħmel ħiltu biex juża t-trasport pubbliku aktar milli t-taxis meta jkun disponibbli servizz adegwat u b'mod partikolari f'każijiet fejn il-kont tat-taxi jaqbeż l-EUR 50.

2.6. *Konnessjonijiet mitlufa*

Jekk l-espert jonqos milli jitla' abbord il-ferrovija jew it-titjira mingħajr ebda tort tal-operatur ferrovjarju jew tal-linja tal-ajru u konsegwentement jitlef il-laqgħa, l-espert m'għandux ikun intitolat għal kwalunkwe rimborż relatat ma' din il-laqgħa.

3. **Spejjeż tal-akkomodazzjoni tal-lukanda**

Il-BĊE jirrimborża spejjeż raġonevoli għal kamra ta' lukanda (okkupanza waħda bi kmamar tal-banju en suite u kolazzjon) għan-numru minimu ta' ljieli meħtieġa għall-attendenza fil-laqgħa. Spejjeż addizzjonali varji, pereżempju, mini-bar, telefonati, użu tal-Internet, laundry, jew kwalunkwe servizz ieħor offrut mill-lukanda, mhumiex rimborżati. Jekk il-BĊE jinnegozja rati skontati ma' lukandi, tiġi pprovduta lista ta' lukandi li joffru rati speċjali lill-klijenti tal-BĊE u l-espert ikun mistenni li juża lukanda mil-lista jew lukanda oħra fl-istess medda ta' prezzijiet. L-espert għandu jħallas għall-kamra ta' lukanda tiegħu jew tagħha u jinkludi l-irċevuta fit-talba għar-rimborż. L-espert għandu jikkuntattja lill-BĊE jekk tkun meħtieġa assistenza fl-arranġament tal-akkomodazzjoni.

4. **Ikliet**

Normalment matul il-laqgħa jingħataw xorb u l-ikel. F'każijiet fejn l-ikel jew il-pranzu ma jiġux ipprovduti mill-BĊE, l-espert jista' jitlob sa EUR 50 għal kull ikla u pranzu matul iż-żmien li l-espert ikun meħtieġ jattendi l-laqgħa, iżda għandhom jiġu sottomessi l-irċevuti.

5. **Proċedura ta' rimborż**

5.1. *Ħlas tal-ispejjeż*

L-espert għandu jħallas l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni, u jiġi rrimborżat sussegwentement mill-BĊE. L-espert għandu jissottometti talba għar-rimborż fil-forma meħtieġa mill-BĊE, jehmeż il-fatturi/riċevuti oriġinali (eż. karti tal-imbark, biljetti tal-ferrovija jew evidenza ta' spiża tal-biljett ferrovjarju f'każ ta' vvjaġġar bil-karozza, fatturi tal-lukanda) u jirritornahom lill-BĊE – Diviżjoni tal-Kontabilità fi żmien 6 xhur wara l-laqgħa. It-talba u l-annessi għandhom juru b'mod ċar in-natura tal-ispejjeż, id-data tal-ħruġ u l-ammont mitlub. L-islipps tal-karti ta' kreditu mhumiex aċċettati. L-ispejjeż li mhumiex sostnuti minn fattura jew irċevuta huma, fil-prinċipju, mhux irrimborżati. L-espert għandu jindika l-mezz preferut ta' rimborż, jiġifieri trasferiment bankarju jew ċekk, kif ukoll in-numru rilevanti tal-ordni tax-xiri (numru PO), jekk dan ikun ġie kkomunikat lill-Espert.

5.2. *Fatturi maqsumin*

Fejn il-fatturi/irċevuti ppreżentati għar-rimborż ikopru persuni li jakkumpanjaw l-espert, l-ammont irrimborżat għal kull persuna huwa l-ammont totali tal-fattura diviż bin-numru ta' persuni li jaqsmu l-fattura. Bħala eċċezzjoni, f'dan il-każ, il-BĊE jista' jaċċetta kopji ta' fattura/irċevuta maqsuma.

5.3. *Rati tal-kambju*

Talbiet f'muniti li mhumiex tal-euro jitħallsu bl-ekwivalenti tal-ammont tal-euro. Meta jikkonverti ammonti f'munita barranija f'euro, il-BĊE japplika r-rata tal-kambju fis-seħħ fl-ewwel jum tal-laqgħa rilevanti tal-BERS jew avveniment ieħor tal-BERS.

5.4. *Fatturi neqsin*

Jekk, eċċezzjonalment, ma jkunx possibbli li tinkiseb fattura, jew jekk il-fattura oriġinali tkun intilfet, l-espert għandu jibgħat dikjarazzjoni personali iffirmata għal dak il-għan. Malli jirċievi din id-dikjarazzjoni, il-BĊE jiddeċiedi jekk jirrimborżax jew le dawn l-ispejjeż.